MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 1288/1996/1

**Marionne Zammit**
**ghan-nom u in rappresentanza ta' San Anton School**

**vs**

**Cecile Camilleri u Joanna Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici nomine fit-13 ta' Novembru, 1996 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti ghall hlas tas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) fuq servizzi ta' taghlim moghtija lill-konvenuti.

Bl-ispejjez u l-interessi legali.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 (c) tal-Kodici Civili;
2. Bla pregudizzju ghall-premess, it-tpacija skond kif dispost fl-Artikolu 1196 tal-Kapitolu 16;
3. F'kull kaz, it-talba attrici hija nsostenibbli.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu, trid tiddisponi mill-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti fejn invogaw favur taghhom l-Artikolu 2148 (c) tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jghid illi l-azzjonijiet ta' dawk illi ghandhom dar ta' edukazzjoni jew ta' taghlim ta' liema xorta jkunu ghall-hlas ta' drittijiet taghhom, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar.

Skond l-i*statement* a fol. 30, l-ammont riklamat mill-attrici jirrizali ghal tliet terms ta' l-iskola li fiha kien jattendi t-tifel tal-konvenuti ghal perijodu bejn il-25 ta' Settembru, 1995 u l-20 ta' Marzu, 1996, bl-ammont totali ta' seba' mija u sittax-il lira Maltin (Lm716). Pero' fil-31 ta' Awissu, 1996 il-konvenuti ghamlu hlas ta' mitejn u sittax-il lira Maltin (Lm216), liema hlas gie meqjus bhala pagament akkont biex fadal bilanc ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li qeda tirriklama l-attrici nomine.

Dan il-pagament illi sar fil-31 ta' Awissu, 1996 jinterrompi l-preskrizzjoni u ghalhekk bejn din l-ahhar data u almenu d-data tal-prezentata ta' l-Avviz, fit-13 ta' Novembru, 1996 ma lahaqx ghadda t-terminu preskrittiv imsemmi fl-Artikolu 2148 (c).

Ghalhekk, il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni imqajjma mill-konvenuti u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti qeghdin jecepixxu t-tpacija abbazi ta' l-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, li jghid fost affarijiet ohra li meta tnejn minn nies huma debitur lejn xulxin, issir bejnithom it-tpacija. Dan qed jinghad, peress illi meta l-konvenuti rregistraw lit-tifel taghhom fit-22 ta' Gunju, 1990, ghamlu pagament ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala kontribuzzjoni ghal din ir-registrazzjoni u ghalhekk ippretendew illi l-bilanc li qed jintalab mill-attrici kellu jkun pacut ma' dan l-ammont illi huma hallsu mar-registrazzjoni tat-tifel, liema ammont kellu jkun refondibbli mat-tluq tat-tifel mill-iskola fl-ahhar sena tieghu.

Minn naha l-ohra, l-attrici qeda tghid illi l-kontribuzzjoni saret lill-"Parents Foundation for Education" li hija ente guridika separata mill-iskola u ghalhekk ma tistax issir tpacija bejnithom. Fi kwalunkwe kaz, il-kontribuzzjoni ma kellhiex tkun rifondibbli fl-ahhar sena, izda biss meta l-bord tal-Fondazzjoni hekk jiddeciedi.

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni tal-hlas ta' hames mitt lira Maltin (LM500), mar-registrazzjoni ta' l-ulied, hija bazi ta' kontroversja illi ilha sejra zmien twil u x-xhieda prodotti f'din il-kawza mhumiex unanimi fuq dak li kien qed jinghad lill-genituri dak iz-zmien. Pero' l-Qorti jidhrilha li f'dan l-istadju u ghal fini ta' din il-kawza, x'verament intqal huwa mmaterjal, ghad li l-Qorti hi propensa toqghod fuq il-verzjoni tal-konvenut li l-kontribuzzjoni kellha tkun refondibbli fl-gheluq ta' l-ahhar sena tal-mawra tal-wild fl-iskola.

Irrizulta ampjament ppruvat illi l-"Parents' Foundation for Education" hija ente kompletament separata u guridikament distinta mill-iskola. Fil-fatt f'sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet Marionne Zammit noe vs Victor Cahia Et, gie stabbilit il-fatt illi l-"Parents' Foundation for Education" u l-iskola huma zewg ente guridiki separati u distinti. Dan huwa konformi ma' l-artikolu 3 ta' l-"School Statutory Rules" li jghid, "The school shall be a body corporate as defined in the education act, 1988 and shall

as such be separate and distinct from ‘The Parents’ Foundation for Education’ … “

Din id-distinzjoni ghandha konsegwenzi serji ghall-eccezzjoni ta’ tpacija imqajjma mill-konvenuti. Ghalhekk, l-Artikolu 1196 invogat mill-konvenuti irid jinqara fil-kuntest ukoll ta’ l-Artikolu 1197 li jghid, “It-tpacija ssir biss bejn zewg tidjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta’ flus jew affarijiet ta’ l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.”

Minn dan l-artikolu johrog car ir-reciprocita ta’ kreditu u d-dejn fil-persuni koncernati. Jekk il-persuni jkunu differenti, ovvjament ma tistax issir tpacija.

Fil-kawza fl-ismijiet Onor. Carm Lino Spiteri vs DPW deciza mill-Qorti ta’ l-Appel fil-25 ta’ Jannar, 1988 inghad illi ma tistax issir tpacija meta d-dejn illi jkun qed jallega illi ghandu favur tieghu l-konvenut mhux likwidu u esigwibbli jew ta’ lanqas facilment likwidabbli. It-tpacija lanqas ma topera ipso jure jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra.

L-istess Anasatasi vs Dixon deciza mill-Prim’Awla fit-3 ta’ Novembru, 1982, “Skond l-Artikolu 1240 [illum 1197] it-tpacija tista ssir biss bejn sewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett interalia somma ta’ flus li jkunu t-tnejn likwidati u jjkunu jistghu jintalbu. Jekk is-somma tkun kontestata ma tistax isservi bhala bazi ghat-tpacija.”

F’din il-kawza ente guridika, u cioe’ l-iskola San Anton, qeda titlob il-hlas ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) bilanc ghal servizzi ta’ taghlim. Mhux negat li dawn iz-zervizzi inghataw.

Minn naha l-ohra l-konvenuti qeghdin jghidu illi huma hallsu hames mitt lira Maltin (Lm500) mar-registrazzjoni tat-tifel. Pero’, kif inghad, l-pagament ma sarx lill-iskola San Anton izda lill-“Parents’ Foundation for Education”, kif jidher car mill-ircevuta tat-22 ta’ Gunju, 1990 (fol. 42).

Ghalhekk, f’sitwazzjoni bhal din u fl-isfond tat-taghlim fuq enuncjat, ma tistax topera t-tpacija u t-talba ta’ l-attrici nomine ghandha tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi fillwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghhom “si et quatenus” naxxenti mill-pagament tal-kontribuzzjoni fit-22 ta’ Gunju, 1990, tilqa’ t-talba ta’ l-attrici nomine u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) dovuti lill-attrici nomine fuq servizzi ta’ taghlim moghtija lill-konvenuti.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------